Nru. 408

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U L-IMMANIĠJAR TAL-ILMA

Skema għall-Promozzjoni ta' Verifiki dwar l-Enerġija għal intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju – Skema A applikazzjonijiet taħt ir-Regolament De Minimis (Regolament tal-Kummissjoni Nru. 1407/2013) Għotja għall-intrapriżi żgħar u medji wara li ssir verifika dwar l-enerġija li tkun tidentifika l-konsum tal-enerġija, opportunitajiet ta' iffrankar ta' enerġija u investimenti

SABIEX jinkoraġġixxu aktar li jsir użu aħjar mill-enerġija f'Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju kif ukoll sabiex jilħqu l-mira ta' konsum ta' enerġija finali nazzjonali, l-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma qegħda tamministra din l-iskema ffinanzjata mill-Istat li ġejja li timmira lejn il-promozzjoni tal-verifika dwar l-enerġija fi ħdan Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju.

1. Deskrizzjoni tal-Iskema

Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju se jqabbdu awditur ċertifikat dwar l-enerġija biex iwettaq il-verifika dwar l-enerġija. Permezz tal-verifika dwar l-enerġija, se jiġu identifikati opportunitajiet għat-titjib fl-enerġija u investimenti għal dawn l-intrapriżi.

L-intrapriżi għandhom japplikaw fuq il-Formola ta' Applikazzjoni għal Skema A uffiċjali biex iwettqu verifika dwar l-enerġija f'dak il-livell u dettall deskritti fl-Anness man-Notifikazzjoni tal-Gvern. Il-verifika għandha titwettaq minn awditur ċertifikat dwar l-enerġija li jintagħżel mil-lista uffiċjali ta' awdituri dwar l-enerġija ppubblikata fuq is-sit elettroniku tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS). Wara li tiġi miflija l-applikazzjoni, l-Aġenzija ser tinforma lill-intrapriża jekk din tkunx tista' tipproċedi bil-verifika. Ġaladarba l-verifika dwar l-enerġija tkun kompleta u tkun ġiet ippreżentata lill-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma, din l-Aġenzija se tara li r-rapport ikun konformi mal-ħtiġiet minimi kif imniżżla b'kull dettal fl-Iskeda. Dik l-intrapriża waħda mbagħad se tirċievi ħlas għal dan l-eżerċizzju ta' verifika dwar l-enerġija f'dak l-ammont muri fil-fatturi ffirmati mill-awditur ċertifikat dwar l-enerġija b'limitu massimu li jilħaq l-ammont muri fit-Taqsima 4.

2. Definizzjonijiet

Verifika dwar l-Enerġija - Verifika dwar l-enerġija hija proċedura sistematika bil-għan li jinkiseb tagħrif adegwat tal-profil eżistenti ta' konsum tal-enerġija ta' xi bini jew ta' grupp ta' bini, ta' xi operazzjoni industrijali jew kummerċjali jew ta' xi installazzjoni jew ta' xi servizz privat jew pubbliku,

No. 408

MINISTRY FOR ENERGY AND WATER MANAGEMENT

Promotion of Energy Audits in Small and Medium Sized Enterprises Scheme – Scheme A applications under the De Minimis Regulation (Commission Regulation No. 1407/2013) A grant for small and medium enterprises following the execution of an energy audit identifying energy consumption, energy saving opportunities and investments

IN order to further encourage the better use of energy within Small and Medium Enterprises and also to reach the national final energy consumption target, the Energy and Water Agency is administering the following national funded scheme which aims to promote energy auditing within Small and Medium Enterprises.

1. Scheme Description

Small and Medium sized Enterprises will engage a certified energy auditor to carry out an energy audit. Through the energy audit, energy improvement opportunities and investments will be identified for these enterprises.

Enterprises are to apply on the official Application Form Scheme A to carry out an energy audit to the level and detail as described in the Annex to the Government Notice. The audit has to be carried out by a certified energy auditor chosen from the official list of energy auditors published on the website of the Regulator for Energy and Water Sources (REWS). After reviewing the Application, the Agency will inform the enterprise whether it can proceed with the audit. Once the energy audit is complete and submitted to the Energy and Water Agency, the latter will ensure that the report meets the minimum requirements as detailed in the Schedule. The single undertaking will then receive payment for the energy audit exercise according to the amount indicated in invoices signed by the certified energy auditor capped to the amount in Section 4.

2. Definitions

Energy Audit - An energy audit is a systematic procedure with the purpose of obtaining adequate knowledge of the existing energy consumption profile of a building or group of buildings, an industrial or commercial operation or installation or a private or public service, identifying and

li jidentifika u jikkwantifika l-opportunitajiet ta' ffrankar fl-enerġija li jkun kosteffiċjenti, u li jiġu rappurtati r-riżultanzi;

Awditur Ċertifikat dwar l-Enerġija - Awditur Ċertifikat dwar l-Enerġija huwa persuna inkluża fil-lista uffiċjali ppubblikata fuq is-sit elettroniku tar-REWS li tikkonferma li l-awditur ikun attenda taħriġ konformement mal-ISO 50002.

Intrapriża Waħda - Għall għanijiet ta' din l-Iskema, il-kelma 'intrapriża waħda' għandha tiġi definita kif ġej:

Kif hemm fir-Regolament tal-Kummissjoni UE Nru. 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tat-Trattat fuq il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis*, 'intrapriża waħda' tinkludi l-intrapriżi kollha li jkollhom mill-inqas relazzjoni waħda (1) minn dawn li ġejjin bejniethom:

i. meta intrapriża jkollha maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-Membri f'intrapriża oħra;
ii. meta intrapriża jkollha d-dritt li taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal- korp amministrattiv, ta' diretturi jew ta' sorveljanza ta' intrapriża oħra;
iii. meta intrapriża jkollha l-jedd teżerċita influwenza dominanti fuq intrapriża oħra kif ikun hemm f'kuntratt magħmul ma' dik l-intrapriża jew kif ikun hemm f'xi dispożizzjoni fil-memorandum tagħha jew fl-artikoli ta' assoċjazzjoni;
iv. meta intrapriża, li tkun azzjonista fi jew Membru ta' xi intrapriża oħra, tkun tikkontrolla waħedha, kif ikun hemm fi ftehim ma' azzjonisti oħra f'dik l-intrapriża jew ma' membri tagħha, maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-intrapriża.

Dawk l-ntrapriżi li jkollhom xi relazzjoni minn dawk imsemmija fil-punti (i) sa (iv) tal-ewwel subparagrafu permezz ta' xi intrapriża oħra, waħda jew aktar, għandhom ukoll jiġu kkunsidrati bħala intrapriża waħda.

L-istess Regolament jgħid li grupp ta' intrapriżi marbuta jitqies bħala intrapriża waħda unika għall-applikazzjoni tar-regola *de minimis*, imma dawk l-intrapriżi li ma jkollhom ebda relazzjoni ma' xulxin ħlief għall-fatt li kull waħda minnhom ikollha rabta diretta mal-istess korp pubbliku jew korpi pubbliċi ma jitqiesux bħala li jkunu marbuta ma' xulxin. Jittieħed għaldaqstant kont tas-sitwazzjoni speċifika tal-intrapriżi kontrollati mill-istess korp pubbliku jew korpi pubbliċi, li jistgħu jkollhom setgħa indipendenti li jieħdu deċiżjoni.

3. Benefiċjarji

Il-benefiċjarji intiżi tal-Iskema għall-Promozzjoni ta' Verifiki dwar l-Enerġija għal intrapriżi Żgħar u ta' Daqs

quantifying cost-effective energy savings opportunities, and reporting the findings;

Certified Energy Auditor - A Certified Energy Auditor is a person included in the official list published on the website of REWS confirming that the auditor has attended training in line with ISO 50002.

Single Undertaking - For the purpose of this scheme , the term 'single undertaking' shall be defined as follows:

As per Commission Regulation EU No 1407/2013 of 18 December 2013 on the application of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid, a 'single undertaking' includes all undertakings having at least one (1) of the following relationships with each other:

i. one undertaking has a majority of the shareholders' or members' voting rights in another undertaking;
ii. one undertaking has the right to appoint or remove a majority of the members of the administrative, management or supervisory body of another undertaking;
iii. one undertaking has the right to exercise a dominant influence over another undertaking pursuant to a contract entered into with that undertaking or to a provision in its memorandum or articles of association;
iv. one undertaking, which is a shareholder in or member of another undertaking, controls alone, pursuant to an agreement with other shareholders in or members of that undertaking, a majority of shareholders' or members' voting rights in that undertaking.

Undertakings having any of the relationships referred to in points (i) to (iv) of the first subparagraph through one or more other undertakings shall also be considered to be a single undertaking.

The same regulation states that a group of linked undertakings is considered as one single undertaking for the application of the de minimis rule, but those undertakings which have no relationship with each other except for the fact that each of them has a direct link to the same public body or bodies are not treated as being linked to each other. The specific situation of undertakings controlled by the same public body or bodies, which may have an independent power of decision, is therefore taken into account.

3. Beneficiaries

The intended beneficiaries of the Promotion of Energy Audits in Small and Medium Sized Enterprises Scheme

Medju – Skema A huma intrapriża waħda li tkun żgħira u/jew ta' daqs medju kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar il- id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (2003/361/KE) li huma eliġibbli għal Għajnuna mill-Istat taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-Għajnuna *de minimis* (ir-Regolament *de minimis*)[1]

4. Dettalji tal-Għajnuna

L-għajnuna se tkun bħal għotja. L-intrapriża waħda tista' tibbenefika għal darba biss minn din il-miżura. L-għajnuna jkollha limitu massimu kif ġej:

		Għotja
Kategorija 1	Intrapriżi ta' Daqs Medju fil-Kodiċi tan-NACE C u I	€5,000
Kategorija 2	Intrapriżi ta' Daqs Medju fil-Kodiċijiet NACE l-oħra kollha	€3,000
Kategorija 3	Intrapriżi Żgħar fil-Kodiċijiet NACE kollha li jkollhom konsum elettriku annwali ta' aktar minn 75,000 kWhrs	€1,000

5. Spejjeż Eliġibbli

L-ispiża eliġibbli hija l-ispiża kkwotata mill-awditur ċertifikat dwar l-enerġija meta jkun qed jagħmel il-verifika dwar l-enerġija. L-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu ma' kull telf jew dewmien fil-produzzjoni jew l-operazzjoni li joħorġu mill-verifika ma jkunux eliġibbli.

6. Formola ta' Applikazzjoni

L-applikanti jistgħu japplikaw għal għotja taħt din l-iskema għal verifika dwar l-enerġija permezz tal-Formola ta' Applikazzjoni li tista' titniżżel mis-sit elettroniku tal-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma (http://www.energywateragency.gov.mt/schemes/).

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati fuq il-formola xierqa permezz tal-indirizz elettroniku (energyefficiency@gov.mt). L-applikazzjonijiet jiġu pproċessati hekk li jinqeda min jilħaq l-ewwel.

[1]http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/site/en/oj/2006/l_379/l_37920061228en00050010.pdf

– Scheme A are single undertakings that are small and/or medium sized enterprises as defined in Commission Recommendation of 6 May 2003 concerning the definition of micro, small and medium-sized enterprises (2003/361/EC) that are eligible for State Aid under Commission Regulation (EU) No. 1407/2013 of 18 December 2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid (the de minimis Regulation)[1]

4. Details of Aid

The aid will be in the form of a grant. The single undertaking may benefit only once from this measure. The assistance will be capped as follows:

		Grant
Category 1	Medium Sized Enterprises in the NACE Code C and I	€ 5,000
Category 2	Medium Sized Enterprises in all other NACE Codes	€ 3,000
Category 3	Small Sized Enterprises in all NACE Codes that have an annual electricity consumption exceeding 75,000 kWhrs	€ 1,000

5. Eligible Costs

The eligible cost is the cost raised by the certified energy auditor in the course of carrying out the energy audit. Expenses related to any loss or delays in production or operation due to the audit are not eligible.

6. Application Form

Applicants may apply for a grant under this scheme for an energy audit by means of the Application Form downloadable from the web-site of the Energy and Water Agency (http://www.energywateragency.gov.mt/schemes/).

Applications should be submitted on the appropriate form to the email address (energyefficiency@gov.mt). Applications will be processed on a first-come first-served basis.

[1]http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/site/en/oj/2006/l_379/l_37920061228en00050010.pdf

L-applikanti fil-kategoriji 1 u 2 kif deskritt fil-punt 4 ta' din il-formola għandhom jippreżentaw:

a. Formola ta' dikjarazzjoni *de minimis* ffirmata mir-rappreżentant legali tal-intrapriża li turi li l-intrapriża ma tkun irċeviet ebda għotja li kienet teċċedi jew tkun ser teċċedi total globali ta' €200,000 fuq perjodu ta' tlett snin fiskali konsekuttivi kif hemm fir-Regolament *de minimis*; u

L-applikanti fil-Kategorija 3 kif deskritt fil-punt 4 ta' din il-formola għandhom jippreżentaw:

a. Kontijiet tal-enerġija tal-arloġġ tal-enerġija, li jkun *meter* kummerċjali, fil-lok mnejn jitmexxa n-negozju, u li jkun qiegħed jiġi verifikat u jkopri l-konsum elettriku attwali għal perjodu sħiħ ta' tnax-il xahar (12) matul is-sentejn ta' qabel.

b. Formola ta' dikjarazzjoni *de minimis* ffirmata mir-rappreżentant legali tal-intrapriża li turi li l-intrapriża ma tkunx eċċediet, u li ma tkunx ser teċċedi total globali ta' €200,000 fuq perjodu ta' tlett snin fiskali konsekuttivi kif hemm fir-Regolament *de minimis*.

Applikazzjonijiet mhux kompluti jiġu miċħuda.

7. Kemm iddum l-Iskema

Applikazzjonijiet għal din is-sejħa taħt l-iskema jistgħu jiġu riċevuti b'mod validu mid-9 ta'April, 2018 sal-31 ta' Diċembru, 2019.

Din l-iskema tista' tiġi modifikata jew tintemm qabel dik id-data b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Din l-iskema tista ' tiġġedded hekk kif jista' jitqies li jkun meħtieġ mill-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma wkoll b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8. Regoli dwar Għajnuna mill-Istat

8.1 Għajnuna mill-Istat Applikabbli

Din l-iskema ser tiġi implimentata kif hemm fir-*Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-Għajnuna* de minimis (Regolament *de minimis*)[2]

L-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħtija lil intrapriża waħda ma għandux ikun jeċċedi l-ammont ta' €200,000 tul perjodu ta' tliet snin fiskali konsekuttivi.

[2]http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/site/en/oj/2006/l_379/l_37920061228en00050010.pdf

Applicants in Categories 1 and 2 as described in Point 4 of this form are required to submit:

a. A *de minimis* declaration form signed by the legal representative of the enterprise showing that the enterprise has not received grants which exceeded or will exceed the aggregate of €200,000 over a rolling three fiscal year period in terms of the *de minimis* Regulation; and

Applicants in Category 3 as described in Point 4 of this form are required to submit:

a. Energy bills of the commercial energy meter at the site from which the business operates, and is being audited covering the actual electricity consumption of a full twelve (12) month period within the previous two years.

b. A *de minimis* declaration form signed by the legal representative of the enterprise showing that the enterprise has not exceeded, and will not exceed the aggregate of €200,000 over a rolling three fiscal years period in terms of the *de minimis* Regulation.

Incomplete applications will be rejected.

7. Duration of the scheme

Applications for this call under the scheme may be validly received as from the 9th April, 2018 to 31st December, 2019.

This scheme may be modified or terminated before that date by means of a notice in the Government Gazette. This scheme may be renewed as may be deemed necessary by the Energy and Water Agency also by means of a notice in the Government Gazette.

8. State Aid Rules

8.1 Applicable State Aid

This scheme will be implemented in line with the *Commission Regulation (EU) No. 1407/2013 of 18 December 2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid* (the *de minimis* Regulation)[2]

The total amount of *de minimis* aid granted to a single undertaking shall not exceed the amount of €200,000 over any period of three consecutive fiscal years.

[2]http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/site/en/oj/2006/l_379/l_37920061228en00050010.pdf

Dan il-limitu massimu globali japplika fil-prinċipju għas-setturi ekonomiċi kollha bl-eċċezzjoni tal-trasport fit-triq, l-agrikoltura u setturi tas-sajd li dwarhom japplikaw limiti u kriterji differenti. Il-kelma "intrapriża" tinkludi wkoll kull kumpaniji fi ħdan grupp (li jkunu jaqgħu taħt il-pussess dirett jew indirett jew il-kontroll tal-istess kumpannija prinċipali aħħarija) u msieħba rilevanti u intrapriżi assoċjati kif definiti fl-Anness I mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 651 / 2014. Dan il-perjodu jkopri s-sena fiskali involuta kif ukoll is-sentejn fiskali ta' qabel. 'Sena fiskali' tfisser is-sena fiskali kif tintuża għall-għanijiet tat-taxxa mill-intrapriża involuta.

Dan il-limitu massimu jkun jinkludi kull għajnuna Statali mogħtija taħt din l-iskema ta' għajnuna u kull miżura oħra ta' għajnuna l-Istat mogħtija taħt ir-regola *de minimis* inkluża dik riċevuta minn kull entità oħra minbarra l-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma. Kull għajnuna *de minimis* li tiġi riċevuta u li tkun teċċedi l-limitu stabbilit, ikollha tiġi rkuprata, bl-imgħax, minn dik l-intrapriża li tirċievi l-għajnuna.

Il-formola ta' dikjarazzjoni *de minimis*[3] għandha timtela u tiġi ppreżentata flimkien mal-formola tal-applikazzjoni.

8.2 Applikabbiltà tal-Għajnuna

Għajnuna approvata taħt din l-iskema ta' għajnuna MA TKUNX:

a. Għajnuna mogħtija lil intrapriżi attivi fis-settur tas-sajd u tal-akwakultura, kif koperti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 104/2000[4];

b. Għajnuna mogħtija lil intrapriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli;

c. Għajnuna mogħtija lil intrapriżi attivi fis-settur tal-ipproċessar u tqegħid fis-suq ta' prodotti agrikoli, f'dawn il-każijiet li ġejjin:

> Meta l-ammont tal-għajnuna jkun stabbilit fuq il-bażi tal-prezz jew tal-kwantità ta' dawn il-prodotti mixtrija minn produtturi primarji jew imqiegħda fis-suq mill-intrapriżi involuti;
> Meta jkun hemm kundizzjoni mal-għajnuna li din għandha tingħadda, f'parti minnha jew kollha kemm hi, fuq il-produtturi primarji;

This aggregate maximum threshold applies in principle to all economic sectors with the exception of the road transport, agriculture and fisheries sectors for which different thresholds and criteria apply. The term 'undertaking' includes also all companies in a group (which fall under the direct or indirect ownership or control of the same ultimate parent company) and relevant partner and linked enterprises as defined in Annex I of Commission Regulation (EU) No 651/2014. This period covers the fiscal year concerned as well as the previous two fiscal years. 'Fiscal year' means the fiscal year as used for tax purposes by the undertaking concerned.

This maximum threshold would include all State aid granted under this aid scheme and any other State aid measure granted under the de minimis rule including that received from any entity other than the Energy and Water Agency. Any de minimis aid received in excess of the established threshold will have to be recovered, with interest, from the undertaking receiving the aid.

The *de minimis* declaration form[3] must be filled in and submitted together with the application form.

8.2 Applicability of the Aid

Assistance approved under this aid scheme is NOT:

a. Aid granted to undertakings active in the fishery and aquaculture sector, as covered by Council Regulation (EC) No. 104/2000[4];

b. Aid granted to undertakings active in the primary production of agricultural products;

c. Aid granted to undertakings active in the sector of processing and marketing of agricultural products, in the following cases:

> Where the amount of the aid is fixed on the basis of the price or quantity of such products purchased from primary producers or put on the market by the undertakings concerned;
> Where the aid is conditional on being partly or entirely passed on to primary producers;

[3]Id-Dikjarazzjoni dwar l-Għajnuna *de minimis* tista' titniżżel flimkien mal-applikazzjoni mis-sit elettroniku tal-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma.

[4]Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura (ĠU L 17, 21.1.2000, paġ. 22).

[3] The de minimis Aid Declaration may be downloaded in conjuction with the application

[4]Council Regulation (EC) No 104/2000 of 17 December 1999 on the common organisation

d. Għajnuna lil attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, jiġifieri għajnuna marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, mat-twaqqif u operazzjoni ta' nisġa ta' distribuzzjoni jew ma' spejjeż korrenti oħra konnessi mal-attività ta' esportazzjoni;

e. Għajnuna li tkun tiddependi minn kemm jintużaw oġġetti domestiċi minflok dawk importati;

f. Għajnuna għall-akkwist ta' vetturi għat-trasport fit-triq tal-merkanzija mogħtija lil intrapriżi li jkunu jaħdmu fit-trasport fit-triq tal-merkanzija sew b'kiri sew bi ħlas.

Meta intrapriża tkun attiva fis-setturi msemmija fil-punti (a), (b) u (ċ) hawn qabel imsemmija kif ukoll f'setturi oħra li jaqgħu fl-iskop tar-Regolament *de minimis*, l-Aġenzija għandha tiżgura li ssir separazzjoni fl-attivitajiet jew distinzjoni bejn l-ispejjeż. Ikunu biss dawk is-setturi eliġibbli għall-għajnuna taħt l-Regolament *de minimis* li jiġu megħjuna. Attivitajiet fis-setturi esklużi mill-iskop tar-Regolament *de minimis* ma jibbenefikawx minn għajnuna taħt din l-iskema ta' għajnuna.

8.3 Akkumulazzjoni tal-Għajnuna

Kif jingħad fl-Artikolu 5 tar-Regolament *de minimis*, għajnuna *de minimis* mogħtija taħt dan l-inċentiv tista' tiġi akkumulata ma' għajnuna *de minimis* mogħtija kif hemm fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 360/2012[5] sal-limitu stabbiliti f'dak ir-Regolament. Din tista' tiġi akkumulata ma' għajnuna *de minimis* mogħtija kif stipulat f'regolamenti oħra *de minimis* sal-limitu rilevanti stabbilit konformement ma' din l-iskema.

Għajnuna de minimis approvata taħt l-Iskema għall-Promozzjoni ta' Verifiki dwar l-Enerġija għal intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju, m'għandhomx jiġu akkumulati mal-Għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-istess spejjeż eliġibbli jew ta' Għajnuna mill-Istat għall-istess miżura ta' riskju finanzjarju, jekk dak l-akkumulu jkun jeċċedi l-ogħla intensità ta' għajnuna rilevanti jew ammont ta' għajnuna stabbilit fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ b'regolament ta' eżenzjoni sħiħa jew b'deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni Ewropea. Għajnuna *de minimis* li ma tkunx mogħtija jew attribwibbli għal spejjeż eliġibbli speċifiċi tista' tiġi akkumulata flimkien ma' Għajnuna mill-Istat oħra mogħtija taħt regolament ta' eżenzjoni sħiħa jew deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni.

Is-6 ta' April, 2018

[5]Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 360/2012 tal-25 ta' April, 2012 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriżi li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 114, 26.4.2012, paġ. 8).

d. Aid to export-related activities towards third countries or Member States, namely aid directly linked to the quantities exported, to the establishment and operation of a distribution network or to other current expenditure linked to the export activity;

e. Aid contingent upon the use of domestic over imported goods;

f. Aid for the acquisition of road freight transport vehicles granted to undertakings performing road freight transport for hire or reward.

Where an undertaking is active in the sectors referred to in points (a), (b) and (c) above as well as in other sectors falling within the scope of the *de minimis* Regulation, the Agency will ensure a separation of the activities or distinction of costs. Only those sectors eligible for assistance under the *de minimis* Regulation will be assisted. Activities in the sectors excluded from the scope of the *de minimis* Regulation will not benefit from assistance under this aid scheme.

8.3 Cumulation of Aid

In terms of Article 5 of the *de minimis* Regulation, *de minimis* aid granted under this incentive may be cumulated with *de minimis* aid granted in accordance with Commission Regulation (EU) No 360/2012[5] up to the ceiling laid down in that Regulation. It may be cumulated with *de minimis* aid granted in accordance with other *de minimis* regulations up to the relevant ceiling fixed in terms of this scheme.

De minimis aid approved under the Promotion of Energy Audits in Small and Medium Sized Enterprises Scheme shall not be cumulated with State Aid in relation to the same eligible costs or with State Aid for the same risk finance measure, if such cumulation would exceed the highest relevant aid intensity or aid amount fixed in the specific circumstances of each case by a block exemption regulation or a decision adopted by the European Commission. *De minimis* aid which is not granted for or attributable to specific eligible costs may be cumulated with other State aid granted under a block exemption regulation or a decision adopted by the Commission.

6th April, 2018

[5]Commission Regulation (EU) No. 360/2012 of 25th April, 2012 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to *de minimis* aid granted to undertakings providing services of general economic interest (OJ L 114, 26.4.2012, p. 8).

Skeda

Għan

L-għan tal-verifika dwar l-enerġija huwa sabiex l-intrapriża:

i) issir taf aħjar x'inhu l-konsum ta' enerġija tagħha; u

ii) tidentifika u tevalwa, permezz ta' spejjeż u benfiċċji kwantifikati, opportunitajiet ta' ffrankar ta' enerġija speċifiċi.

Data informatika

Il-verifika dwar l-enerġija għandha tiġbor din l-informazzjoni dwar id-*data* informatika li ġejja:

i) *Data* u informazzjoni komprensiva dwar sistemi ta' konsum tal-enerġija, proċessi u tagħmir inkluż kull trasport relatat.
ii) Dwar kull użu ta' enerġija sinifikanti l-verifika għandha tinkludi *data* li tinkiseb mill-*meter*.
iii) Listi ta' tagħmir fil-lok li jinkludu informazzjoni dwar l-enerġija, deskrizzjoni tat-tagħmir, u skedi operattivi.

Analiżi

Il-verifika għandha tinkludi reviżjoni tal-konsum ta' enerġija hekk li toħloq elenkar dettaljat dwar kif tintuża l-enerġija u tidentifika kull użu sinifikanti tal-enerġija. L-elenkar dettaljat għandu jiġi rikonċiljat mas-*sub metering* tas-sistemi ta' enerġija li jikkunsmaw l-aktar, ma' proċessi jew ma' tagħmir.

Identifikazzjoni u Evalwazzjoni ta' Opportunitajiet

Il-verifika għandha tidentifika opportunitajiet ta' titjib fil-prestazzjoni tal-enerġija li tista' tiġi implimentata, inklużi azzjonijiet għal żmien qasir, żmien medju u fit-tul hekk li l-iffrankar tal-enerġija jiġi rikonċiljat mal-bilanċ dettaljat ta' enerġija. Il-verifika għandha tindika b'mod ċar kull iffrankar tipiku għal kull opportunità ta' ffrankar ta' enerġija inklużi sew assunzjonijiet sew kalkoli li jsiru bħala referenza.

Kull opportunità ta' titjib fil-prestazzjoni tal-enerġija, għandha tiġi pprovduta bi spejjeż u benefiċċji, inklużi indikazzjonijiet ta' qligħ ġej minn "non-enerġija" (eż. iffrankar fil-manutenzjoni, sigurtà mtejba jew tnaqqis fl-impatt ambjentali). L-analiżi ekonomika ta' opportunitajiet sinifikanti ta' titjib fil-prestazzjoni tal-enerġija għandha tinkludi żmien ta' rifużjoni għal kull opportunità ta' titjib.

Riżultat produttiv

Din li ġejja hija lista sommarja tal-ħtiġiet tal-verifika dwar l-enerġija miktuba bil-Malti jew bl-Ingliż:

Schedule

Aim

The aim of the energy audit is for the enterprise to:

i) improve its awareness upon its energy consumption; and
ii) identify and evaluate, through quantified costs and benfits, specific energy saving opportunities.

Data

The energy audit is to collate the following data information:

i) Comprehensive data and information on energy consuming systems, processes and equipment including transport related.
ii) For the major energy uses the audit is to include metered data.
iii) Site equipment lists that include energy information, equipment description, and operating schedules.

Analysis

The audit is to include a review of energy consumption creating a breakdown of energy use and identifying significant energy uses. Breakdown to be reconciled with sub-metering of the most energy consuming systems, processes or equipment.

Opportunities Identification and Evaluation

The audit has to identify implementable energy performance improvement opportunities, including short-term, medium-term and long-term actions with energy savings reconciled against the detailed energy balance. The audit is to clearly indicate typical savings for each energy saving opportunity including either referenced assumptions or calculations.

All of the energy performance improvement opportunities are to be provided with costs and benefits, including indications of "non-energy" gains (e.g. maintenance savings improved safety or reduced environmental impact). The economic analysis of the major energy performance improvement opportunities is to include payback period for each improvement opportunity.

Output

The following is a summary list of the requirements of the energy audit written in English or Maltese:

Stħarriġ dettaljat tal-bini (erja tal-art, l-għadd ta' impjegati, l-użu li jsir mill-bini, livelli tal-art, ħinijiet tax-xogħol, disponibbiltà tal-ispazju tas-saqaf, eċċ)	Detailed building survey (floor area, number of employees, usage of building, floor levels, working hours, roof space availability, etc)
Konsum annwali ta' elettriku (kemm f'€ kemm kWh) mill-analiżi ta' kontijiet riċenti	Annual consumption of electricity (both in € and kWh) by analyses of recent utility bills
Konsum annwali tal-ilma (kemm f'€ kemm m^3) mill-analiżi ta' kontijiet riċenti	Annual consumption of water (both in € and m^3) by analyses of recent utility bills
Konsum annwali ta' karburant (kemm f'€ kemm m^3 jew litri) mill-analiżi ta' kontijiet riċenti	Annual consumption of fuel (both in € and m^3 or litres) by analyses of recent bills
Analiżi ta' informazzjoni dwar il-konsum ta' enerġija biex isir elenkar dettaljat tal-użu tal-enerġija (*pie-chart* ta' konsumaturi differenti tal-enerġija)	Analysis of energy consumption information to form a breakdown of energy usage (pie-chart of different energy consumers)
Data li tinkiseb bil-*meter* tal-akbar sistemi ta' konsum ta' enerġija (id-*data* għandha għandha titkejjel matul perijodu adekwat ta' żmien li jkun jirrappreżenta operazzjoni kummerċjali normali)	Metered data of the major energy consuming systems (data should be metered over an adequate period of time which is representative of a normal business operation)
Inventarju ta' kull tagħmir ta' konsum tal-enerġija għandu jiġi elenkat flimkien ma' assunzjonijiet raġonevoli/kalkoli fuq l-għadd ta' sigħat li matulhom jintuża kull biċċa tagħmir, bil-għan li tintlaħaq stima tajba tal-konsum annwali ta' dak it-tagħmir użat f'intrapriża	Inventory of all energy consuming equipment is to be listed together with reasonable assumptions/ calculations on the number of hours of use of each piece of equipment, to arrive at a good estimate of the annual consumption of that equipment in an enterprise
Analiżi tad-*data* elettronika miġbura u/jew data kalkulata	Analysis of gathered data and/or calculated data
Indikazzjoni tal-aħjar EnPI kollha (*Energy Performance Indicators*/Indikaturi ta' Prestazzjoni tal-Enerġija) għal dak l-istabbiliment	Indication of the best EnPI's (Energy Performance Indicators) for the establishment
Titniżżel lista ta' kull EIO (*Energy Improvement Opportunities*/Opportunità ta' Titjib fl-Enerġija) potenzjali	List potential Energy Improvement Opportunities (EIO)
Iffrankar tal-Enerġija ta' kull EIO	Energy Savings of all EIOs
Analiżi finanzjarja ta' kull EIO prinċipali inkluż il-perijodu ta' rifużjoni	Financial Analysis of main EIOs including payback period
Xi ritratti rilevanti (li jkunu jinkludu ritratti ta' *lo*ggers tal-enerġija mqabbdin mat-tagħmir, ritratti ta' prattiċi tajbin/ħżiena, telf ta' enerġija, eċċ)	Some relevant photos (to include photos of energy data loggers connected to equipment, photos of bad/good practices, energy losses, etc)
Informazzjoni importanti li sservi għall-verifika eż. kampjuni ta' azzjonijiet jew l-esklużjoni ta' azzjonijiet ta' konsum tal-enerġija minuri	Important information to the audit e.g. sampling of actions or exclusion of minor energy consuming actions
Tiġi inkluża dikjarazzjoni mid-diretturi tal-IŻM (SME) li tafferma l-indipendenza tal-awditur	Include a statement by the directors of the SME attesting to the independence of the auditor
Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet	Conclusions and Recommendations
Data u Firma tal-Awditur dwar l-Enerġija	Date and Signature of Energy Auditor

Nru. 409

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U L-IMMANIĠJAR TAL-ILMA

Skema għall-Promozzjoni ta' Verifiki dwar l-Enerġija għal intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju – Skema B applikazzjonijiet taħt ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa. Għotja għall-intrapriżi żgħar u medji wara li ssir verifika dwar l-enerġija li tkun tidentifika l-konsum tal-enerġija, opportunitajiet ta' iffrankar ta' enerġija u investimenti

SABIEX jinkoraġġixxu aktar li jsir użu aħjar mill-enerġija f'Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju kif ukoll sabiex jilħqu l-mira ta' konsum ta' enerġija finali nazzjonali, l-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma qegħda tamministra din l-iskema ffinanzjata mill-Istat li ġejja li timmira lejn il-promozzjoni tal-verifika dwar l-enerġija fi ħdan Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju.

1. Deskrizzjoni tal-Iskema

Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju se jqabbdu awditur ċertifikat dwar l-enerġija biex iwettaq il-verifika dwar l-enerġija. L-iskop ta' dik il-verifika dwar l-enerġija għandu jkun marbut mal-investimenti msemmija fit-Taqsima 7 tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa. Permezz tal-verifika dwar l-enerġija, se jiġu identifikati opportunitajiet għat-titjib fl-enerġija u investimenti għal dawn l-intrapriżi.

L-intrapriżi għandhom japplikaw fuq il-Formola ta' Applikazzjoni għal Skema B biex iwettqu verifika dwar l-enerġija f'dak il-livell u dettall deskritti fl-Iskeda man-Notifikazzjoni tal-Gvern. Il-verifika għandha titwettaq minn awditur ċertifikat dwar l-enerġija li jintagħżel mil-lista uffiċjali ta' awdituri dwar l-enerġija ppubblikata fuq is-sit elettroniku tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS). Wara li tiġi miflija l-applikazzjoni, l-Aġenzija ser tinforma lill-intrapriża jekk din tkunx tista' tipproċedi bil-verifika. Ġaladarba l-verifika dwar l-enerġija tkun kompleta u tkun ġiet ippreżentata lill-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma, din l-Aġenzija se tara li r-rapport ikun konformi mal-ħtiġiet minimi kif imniżżla b'kull dettal fl-Iskeda. L-intrapriża mbagħad se tirċievi ħlas għal dan l-eżerċizzju ta' verifika dwar l-enerġija f'dak l-ammont muri fil-fatturi ffirmati mill-awditur ċertifikat dwar l-enerġija b'limitu massimu li jilħaq l-ammont muri fit-Taqsima 4.

2. Definizzjonijiet

Verifika dwar l-Enerġija - Verifika dwar l-enerġija hija proċedura sistematika bil-għan li jinkiseb tagħrif adegwat

No. 409

MINISTRY FOR ENERGY AND WATER MANAGEMENT

Promotion of Energy Audits in Small and Medium Sized Enterprises Scheme – Scheme B applications under the General Block Exemption Regulation. A grant for small and medium enterprises following the execution of an energy audit identifying energy consumption, energy saving opportunities and investments

IN order to further encourage the better use of energy within Small and Medium Enterprises and also to reach the national final energy consumption target, the Energy and Water Agency is administering the following national funded scheme which aims to promote energy auditing within Small and Medium Enterprises.

1. Scheme Description

Small and Medium sized Enterprises will engage a certified energy auditor to carry out an energy audit. The scope of such energy audit must be linked to the investments referred to in Section 7 of the General Block Exemption Regulation. Through the energy audit, energy improvement opportunities and investments will be identified for these enterprises.

Enterprises are to apply on the official Application Form Scheme B to carry out an energy audit to the level and detail as described in the Schedule to the Government Notice. The audit has to be carried out by a certified energy auditor chosen from the official list of energy auditors published on the website of the Regulator for Energy and Water Sources (REWS). After reviewing the Application, the Agency will inform the enterprise whether it can proceed with the audit. Once the energy audit is complete and submitted to the Energy and Water Agency, the latter will ensure that the report meets the minimum requirements as detailed in the Schedule. The enterprise will then receive payment for the energy audit exercise according to the amount indicated in invoices signed by the certified energy auditor capped to the amount in Section 4.

2. Definitions

Energy Audit - An energy audit is a systematic procedure with the purpose of obtaining adequate knowledge of the

tal-profil eżistenti ta' konsum tal-enerġija ta' xi bini jew ta' grupp ta' bini, ta' xi operazzjoni industrijali jew kummerċjali jew ta' xi installazzjoni jew ta' xi servizz privat jew pubbliku, li jidentifika u jikkwantifika l-opportunitajiet ta' ffrankar fl-enerġija li jkun kosteffiċjenti, u li jiġu rappurtati r-riżultanzi;

Awditur Ċertifikat dwar l-Enerġija - Awditur Ċertifikat dwar l-Enerġija huwa persuna inkluża fil-lista uffiċjali ppubblikata fuq is-sit elettroniku tar-REWS li tikkonferma li l-awditur ikun attenda taħriġ konformement mal-ISO 50002.

3. Benefiċjarji

Il-benefiċjarji intiżi tal-Iskema għall-Promozzjoni ta' Verifiki dwar l-Enerġija għal intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju – Skema B huma intrapriżi li jkunu żgħar u/jew ta' daqs medju kif definiti fl-Anness I mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 651/2014.

4. Dettalji tal-Għajnuna

L-għajnuna se tkun bħal għotja. L-intrapriża waħda tista' tibbenefika għal darba biss minn din il-miżura. L-għajnuna jkollha limitu massimu kif ġej:

		Għotja
Kategorija 1	Intrapriżi ta' Daqs Medju fil-Kodiċi tan-NACE C u I	€5,000
Kategorija 2	Intrapriżi ta' Daqs Medju fil-Kodiċijiet NACE l-oħra kollha	€3,000
Kategorija 3	Intrapriżi Żgħar fil-Kodiċijiet NACE kollha li jkollhom konsum elettriku annwali ta' aktar minn 75,000 kWhrs	€1,000

L-intensità tal-għajnuna tvarja skond id-daqs tal-intrapriża. Il-limitazzjoni massima m ' għandhiex teċċedi dawn il-perċentwali li ġejjin tal-ispejjeż eliġibbli:

Tip ta' Intrapriża	%
Żgħira	70
Medja	60

5. Spejjeż Eliġibbli

L-ispiża eliġibbli hija l-ispiża kkwotata mill-awditur ċertifikat dwar l-enerġija meta jkun qed jagħmel il-verifika dwar l-enerġija. L-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu ma' kull telf jew dewmien fil-produzzjoni jew l-operazzjoni li joħorġu mill-verifika ma jkunux eliġibbli.

existing energy consumption profile of a building or group of buildings, an industrial or commercial operation or installation or a private or public service, identifying and quantifying cost-effective energy savings opportunities, and reporting the findings;

Certified Energy Auditor - A Certified Energy Auditor is a person included in the official list published on the website of REWS confirming that the auditor has attended training in line with ISO 50002.

3. Beneficiaries

The intended beneficiaries of the Promotion of Energy Audits in Small and Medium Sized Enterprises Scheme – Scheme B are enterprises that are small and/or medium sized enterprises as defined in Annex I of Commission Regulation (EU) No 651/2014.

4. Details of Aid

The aid will be in the form of a grant. The enterprise may benefit only once from this measure. The assistance will be capped as follows:

		Grant
Category 1	Medium Sized Enterprises in the NACE Code C and I	€5,000
Category 2	Medium Sized Enterprises in all other NACE Codes	€3,000
Category 3	Small Enterprises in all NACE Codes that have an annual electricity consumption exceeding 75,000 kWhrs	€1,000

The aid intensity varies according to the size of the undertaking. The capping will not exceed the following percentages of the eligible costs:

Type of Undertaking	%
Small	70
Medium	60

5. Eligible Costs

The eligible cost is the cost raised by the certified energy auditor in the course of carrying out the energy audit. Expenses related to any loss or delays in production or operation due to the audit are not eligible.

6. Formola ta' Applikazzjoni

Il-benefiċjarji għandhom jippreżentaw applikazzjoni bil-miktub għall-għajnuna taħt din l-iskema qabel ma jibda x-xogħol fuq l-attività.

L-applikanti jistgħu japplikaw għal għotja taħt din l-iskema għal verifika dwar l-enerġija permezz tal-Formola ta' Applikazzjoni li tista' titniżżel mis-sit elettroniku tal-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma (http://www.energywateragency.gov.mt/schemes/).

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati fuq il-formola xierqa permezz tal-indirizz elettroniku energyefficiency@gov.mt. L-applikazzjonijiet jiġu pproċessati hekk li jinqeda min jilħaq l-ewwel.

L-applikanti fil-Kategorija 3 kif hemm deskritt fil-Punt 9 ta' din il-formola huma meħtieġa li jippreżentaw kontijiet tal-*meter* tal-enerġija kummerċjali fil-post mnejn jopera n-negozju u jkun qed jiġi verifikat, hekk li jiġi kopert il-konsum attwali tal-elettriku għal perjodu sħiħ ta' tnax-il xahar (12) fis-sentejn li jiġu minnufih qabel. Applikazzjonijiet mhux kompluti jiġu miċħuda.

7. Kemm iddum l-Iskema

Applikazzjonijiet għal din is-sejħa taħt l-iskema jistgħu jiġu riċevuti b'mod validu mid-9 ta' April, 2018 sal-31 ta' Diċembru, 2019.

Din l-iskema tista' tiġi modifikata jew tintemm qabel dik id-data b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Din l-iskema tista ' tiġġedded hekk kif jista' jitqies li jkun meħtieġ mill-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma wkoll b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8. Regoli dwar Għajnuna mill-Istat

Regolamenti dwar Għajnuna mill-Istat Applikabbli

It-termini u kondizzjonijiet stipulati f'din in-Notifikazzjoni tal-Gvern huma konformi mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li tiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat bir-*Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 2017/1084 tal-14 Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru. 651/2014 fir-rigward ta' għajnuna għall-infrastruttura tal-port u l-ajruport, limiti ta' notifika għall-għajnuna għall-*

6. Application Form

Beneficiaries are to submit a written application for assistance under this scheme before work on the activity starts.

Applicants may apply for a grant under this scheme for an energy audit by means of the Application Form downloadable from the web-site of the Energy and Water Agency (http://www.energywateragency.gov.mt/schemes/).

Applications should be submitted on the appropriate form to the email address energyefficiency@gov.mt. Applications will be processed on a first-come first-served basis.

Applicants in Category 3 as described in Point 9 of this form are required to submit energy bills of the commercial energy meter at the site from which the business operates and is being audited, covering the actual electricity consumption of a full twelve (12) month period within the previous two years. Incomplete applications will be rejected.

7. Duration of the scheme

Applications for this call under the scheme may be validly received as from the 9th April, 2018 to 31st December, 2019.

This scheme may be modified or terminated before that date by means of a notice in the Government Gazette. This scheme may be renewed as may be deemed necessary by the Energy and Water Agency also by means of a notice in the Government Gazette.

8. State Aid Rules

Applicable State Aid Regulations

The terms and conditions set out in this Government Notice are in line with Commission Regulation (EU) No 651/2014 of 17 June 2014 declaring certain categories of aid compatible with the internal market in application of Articles 107 and 108 of the Treaty, as amended by *Commission Regulation (EU) No 2017/1084 of 14 June 2017 amending Regulation (EU) No 651/2014 as regards aid for port and airport infrastructure, notification thresholds for aid for culture and heritage conservation and for aid for sport and*

konservazzjoni tal-kultura u wirt u għall-għajnuna għall-Isport u infrastrutturi multifunzjonali tar-rikreazzjoni, u reġjonali li joperaw skemi ta' għajnuna għal reġjuni aktar imbiegħda u li jemenda r-Regolament (UE) Nru. 702/2014 dwar il-kalkolu tal-ispejjeż eliġibbli); hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ ir-'Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa'.

L-inċentiv ma jkunx jista' japplika għal dan li ġej:

a. Attivitajiet elenkati fl-Artikolu 1 (2), (3), (4) u (5) tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (meta dan ikun japplika).

b. Intrapriżi f'diffikultà kif definit kif hemm fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014.

Barra minn hekk l-għajnuna ma tistax tingħata jekk l-għajnuna tkun:

i. relatata ma' attivitajiet ta' esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, jiġifieri għajnuna direttament marbuta mal-kwantitajiet esportati, ma' stabbiliment u operazzjoni ta' nisġa ta' distribuzzjoni jew man-nefqa korrenti oħra marbuta ma' attività tal-esportazzjoni.

ii. kontinġenti fuq l-użu ta' oġġetti importati domestiċi bi preferenza għal oġġetti importati.

iii. favur benefiċjarju li jkun soġġett għal xi ordni pendenti ta' rkupru wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara li xi għajnuna mogħtija minn Malta tkun illegali u inkompatibbli mas-suq intern, għandhom jiġu esklużi mill-iskop ta' dan ir-Regolament.

Regoli dwar l-Akkumulazzjoni tal-Għajnuna

Il-benefiċjarju m'għandu jibbenefika minn ebda g] otja oħra biex issir il-verifika dwar l-enerġija li dwar issir applikazzjoni permezz ta' din in-Notifikazzjoni u ma jkun hemm ebda obbligu legali li ssir verifika bħal dik.

Ir-regoli dwar l-akkumulazzjoni tal-għajnuna għandhom ikunu konformi mal-Artikolu 8 tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

multifunctional recreational infrastructures, and regional operating aid schemes for outermost regions and amending Regulation (EU) No 702/2014 as regards the calculation of eligible costs); hereinafter referred to as the 'General Block Exemption Regulation'.

The incentive is not applicable to the following:

a. Activities listed down in Article 1 (2), (3), (4) and (5) of the General Block Exemption Regulation (where applicable).

b. Undertakings in difficulty as defined in terms of the Commission Regulation (EU) No 651 /2014 of 17 June 2014.

Furthermore assistance may not be granted if the aid is:

i. related to export activities towards third countries or Member States, namely aid directly linked to quantities exported, to the establishment and operation of a distribution network or to the other current expenditure linked to export activity.

ii. contingent upon the use of domestic in preference to imported goods.

iii. in favour of a beneficiary which is subject to an outstanding recovery order following a previous Commission decision declaring an aid granted by Malta illegal and incompatible with the internal market should be excluded from the scope of this Regulation.

Rules on Cumulation of Aid

The beneficiary shall not benefit from any other grant towards the execution of the energy audit applied for through this Notice and is not legally obliged to conduct such an audit.

Rules on cumulation of aid shall be in line with Article 8 of the General Block Exemption Regulation.

Is-6 ta' April, 2017

6th April, 2017

Skeda

Għan

L-għan tal-verifika dwar l-enerġija huwa sabiex l-intrapriża

i) issir taf aħjar x'inhu l-konsum ta' enerġija tagħha; u

ii) tidentifika u tevalwa, permezz ta' spejjeż u benfiċċji kwantifikati, opportunitajiet ta' ffrankar ta' enerġija speċifiċi.

Data *informatika*

Il-verifika dwar l-enerġija għandha tiġbor din l-informazzjoni dwar id-*data* informatika li ġejja:

i) *Data* u informazzjoni komprensiva dwar sistemi ta' konsum tal-enerġija, proċessi u tagħmir inkluż dawk relatati ma trasport.
ii) Dwar kull użu ta' enerġija sinifikanti l-verifika għandha tinkludi *data* li tinkiseb mill-*meter*.
iii) Listi ta' tagħmir fil-lok li jinkludu informazzjoni dwar l-enerġija, deskrizzjoni tat-tagħmir, u skedi operattivi.

Analiżi

Il-verifika għandha tinkludi reviżjoni tal-konsum ta' enerġija hekk li toħloq elenkar dettaljat dwar kif tintuża l-enerġija u tidentifika kull użu sinifikanti tal-enerġija. L-elenkar dettaljat għandu jiġi rikonċiljat mas-*sub metering* tas-sistemi ta' enerġija li jikkunsmaw l-aktar, ma' proċessi jew ma' tagħmir.

Identifikazzjoni u Evalwazzjoni ta' Opportunitajiet

Il-verifika għandha tidentifika opportunitajiet ta' titjib fil-prestazzjoni tal-enerġija li tista' tiġi implimentata, inklużi azzjonijiet għal żmien qasir, żmien medju u fit-tul hekk li l-iffrankar tal-enerġija jiġi rikonċiljat mal-bilanċ dettaljat ta' enerġija. Il-verifika għandha tindika b'mod ċar kull iffrankar tipiku għal kull opportunità ta' ffrankar ta' enerġija inklużi sew assunzjonijiet sew kalkoli li jsiru bħala referenza.

Kull opportunità ta' titjib fil-prestazzjoni tal-enerġija, għandha tiġi pprovduta bi spejjeż u benefiċċji, inklużi indikazzjonijiet ta' qligħ ġej minn "non-enerġija" (eż. iffrankar fil-manutenzjoni, sigurtà mtejba jew tnaqqis fl-impatt ambjentali). L-analiżi ekonomika ta' opportunitajiet sinifikanti ta' titjib fil-prestazzjoni tal-enerġija għandha tinkludi żmien ta' rifużjoni għal kull opportunità ta' titjib.

Riżultat produttiv

Din li ġejja hija lista sommarja tal-ħtiġiet tal-verifika dwar l-enerġija miktuba bil-Malti jew bl-Ingliż:

Schedule

Aim

The aim of the energy audit is for the enterprise to:

i) improve its awareness upon its energy consumption; and

ii) identify and evaluate, through quantified costs and benefits, specific energy saving opportunities.

Data

The energy audit is to collate the following data information:

i) Comprehensive data and information data on energy consuming systems, processes and equipment including transport related.
ii) For the major energy uses the audit is to include metered data.
iii) Site equipment lists that include energy information, equipment description, and operating schedules.

Analysis

The audit is to include a review of energy consumption creating a breakdown of energy use and identifying significant energy uses. Breakdown to be reconciled with sub-metering of the most energy consuming systems, processes or equipment.

Opportunities Identification and Evaluation

The audit has to identify implementable energy performance improvement opportunities, including short-term, medium-term and long-term actions with energy savings reconciled against the detailed energy balance. The audit is to clearly indicate typical savings for each energy saving opportunity including either referenced assumptions or calculations.

All of the energy performance improvement opportunities are to be provided with costs and benefits, including indications of "non-energy" gains (e.g. maintenance savings improved safety or reduced environmental impact). The economic analysis of the major energy performance improvement opportunities is to include payback period for each improvement opportunity.

Output

The following is a summary list of the requirements of the energy audit written in English or Maltese:

Tiġi inkluża dikjarazzjoni mid-diretturi tal-IŻM (SME) li tafferma l-indipendenza tal-awditur	Include a statement by the directors of the SME attesting to the independence of the auditor
Stħarriġ dettaljat tal-bini (erja tal-art, l-għadd ta' impjegati, l-użu li jsir mill-bini, livelli tal-art, ħinijiet tax-xogħol, disponibbiltà tal-ispazju tas-saqaf, eċċ)	Detailed building survey (floor area, number of employees, usage of building, floor levels, working hours, roof space availability, etc)
Konsum annwali ta' elettriku (kemm f'€ kemm kWh) mill-analiżi ta' kontijiet riċenti	Annual consumption of electricity (both in € and kWh) by analyses of recent utility bills
Konsum annwali tal-ilma (kemm f'€ kemm m^3) mill-analiżi ta' kontijiet riċenti	Annual consumption of water (both in € and m^3) by analyses of recent utility bills
Konsum annwali ta' karburant (kemm f'€ kemm m^3 jew litri) mill-analiżi ta' kontijiet riċent	Annual consumption of fuel (both in € and m^3 or liters) by analyses of recent bills
Analiżi ta' informazzjoni dwar il-konsum ta' enerġija biex isir elenkar dettaljat tal-użu tal-enerġija (*pie-chart* ta' konsumaturi differenti tal-enerġija)	Analysis of energy consumption information to form a breakdown of energy usage (pie-chart of different energy consumers)
Data li tinkiseb bil-*meter* tal-akbar sistemi ta' konsum ta' enerġija (id-*data* għandha għandha titkejjel matul perijodu adekwat ta' żmien li jkun jirrappreżenta operazzjoni kummerċjali normali)	Metered data of the biggest energy consuming systems (data should be metered over an adequate period of time which is representative of a normal business operation)
Inventarju ta' kull tagħmir ta' konsum tal-enerġija għandu jiġi elenkat flimkien ma' assunzjonijiet raġonevoli/kalkoli fuq l-għadd ta' sigħat li matulhom jintuża kull biċċa tagħmir, bil-għan li tintlaħaq stima tajba tal-konsum annwali ta' dak it-tagħmir użat f'intrapriża	Inventory of all energy consuming equipment is to be listed together with reasonable assumptions/ calculations on the number of hours of use of each piece of equipment, to arrive at a good estimate of the annual consumption of that equipment in an enterprise
Analiżi tad-*data* elettronika miġbura u/jew data kalkulata	Analysis of energy consumption information to form a breakdown of energy usage (pie-chart of different energy consumers);
Indikazzjoni tal-aħjar EnPI kollha (*Energy Performance Indicators*/Indikaturi ta' Prestazzjoni tal-Enerġija) għal dak l-istabbiliment	Indication of the best EnPI's (Energy Performance Indicators) for the establishment
Titniżżel lista ta' kull EIO (*Energy Improvement Opportunities*/Opportunità ta' Titjib fl-Enerġija) potenzjali	List potential Energy Improvement Opportunities (EIO)
Iffrankar tal-Enerġija ta' kull EIO	Energy Savings of all EIOs
Analiżi finanzjarja ta' kull EIO prinċipali inkluż il-perijodu ta' rifużjoni	Financial Analysis of main EIOs including payback period
Xi ritratti rilevanti (li jkunu jinkludu ritratti ta' *lo*ggers tal-enerġija mqabbdin mat-tagħmir, ritratti ta' prattiċi tajbin/ħżiena, telf ta' enerġija, eċċ)	Some relevant photos (to include photos of energy data loggers connected to equipment, photos of bad/good practices, energy losses, etc)
Informazzjoni importanti li sservi għall-verifika eż. kampjuni ta' azzjonijiet jew l-esklużjoni ta' azzjonijiet ta' konsum tal-enerġija minuri	Important information to the audit e.g. sampling of actions or exclusion of minor energy consuming actions
Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet	Conclusions and Recommendations
Data u Firma tal-Awditur dwar l-Enerġija	Date and Signature of Energy Auditor